# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Seduta Nru V**
**Illum it-Tlieta, 16 ta' Jannar, 2001**

**Appell Nru 71/2000 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Vincent Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Vincent Zahra talli f'Ta' Mrejnu, limiti ta' l-Imgarr, Malta, nhar id-9 ta' Ottubru, 1999, ghall-habta tat-3.45 pm (**1**) kiser il-bon-ordni u l-kwiet tal-pubbliku bl-ghajjat u glied, u (**2**) hedded u ingurja bil-kliem lil Pio Galea mill-Imgarr;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Marzu, 2000 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Vincent Zahra hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, ikkundannatu hamsa w ghoxrin lira ammenda (Lm25), u rabtitu b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' multa ta' Lm100 ghal periodu ta' tnax-il xahar milli b'xi mod jimmolesta lil Pio Galea;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Vincent Zahra, minnu ppresentat fl-24 ta' Marzu, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Jannar, 2000; ikkunsidrat:

Dana l-appell jirrisolvi ruhhu fi kwistjoni ta' kredibbilita`. Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax il-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti f'materja ta' apprezzament ta' provi kemm il-darba tkun sodisfatta li dik il-qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Fil-kaz in dizamina, pero`, din il-Qorti, li kellha l-opportunita` li tisma' x-xiehda jiddeponu *viva voce*, hi tal-fehma li ghandha takkolji l-appell, u dana peress li mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi tal-fehma li jezisti dubbju dettat mir-raguni dwar il-htija ta' l-appellant, dubbju li kellu jkun rilevat anke mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur